L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
MALTA
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali* *Department for Local Government*

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XV

23 ta' Novembru 2011

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**MEMO 116/2011**
**TALBIET MILL-KUNSILLI LOKALI GĦAL SELF MILL-BANK**

Wara diversi taħditiet ma' uffiċjali mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, ġie deċiż illi l-proċedura biex Kunsill Lokali jġib l-approvazzjonijiet meħtieġa biex ikun jista' jieħu self mill-bank, tiġi aġġornata.

Bħalma tafu, biex Kunsill Lokali jieħu self mill-bank, dan ikun jista' jagħmel hekk wara li jkun ġab l-awtorizzazzjoni bil-miktub mingħand il-Ministru responsabbli għall-Gvern Lokali bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, skont l-Artikolu 3(2)(a) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363).

Qabel ma jingħataw dawn l-awtorizzazzjonijiet, kemm id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll il-Minsiteru tal-Finanzi janalizzaw sew l-informazzjoni mibgħuta mill-Kunsill Lokali biex jaċċertaw rwieħhom illi l-Kunsill Lokali ikun jista' jidħol għal dan il-piż finanzjarju mingħajr ma jippreġudika l-operat tiegħu.

Għaldaqstant, b'mod immedjat, kull Kunsill Lokali li jkun jixtieq jieħu self mill-bank għandu jibda jimxi mal-proċedura mehmuża bħala Skeda A. Naturalment, jekk dan is-self ikun relatat ma' bini jew xiri ta' post biex iservi bħala uffiċini amministrattivi tal-Kunsill Lokali (kif inhu l-każ fil-parti l-kbira ta' dawn it-talbiet), il-Kunsill Lokali jkun irid jissottometti wkoll id-dokumenti elenkati fi Skeda B.

Intom mitluba li timxu skrupolożament ma' dawn il-proċeduri biex il-proċess ma jiħux fit-tul u l-awtorizzazzjoni tkun tista' toħroġ f'qasir żmien.

Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

Mehmuża: Skeda A u Skeda B.

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 2000
TEL: 2200 2300 FAX: 2200 2390